MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar

**Laqgħa Numru 45 – 4 Leġislatura**

**It-Tnejn 05 ta' Awwissu 2025**

Il-Kunsill Reġjonali fil-5.30 pm.

PREŻENTI FL-UFFIĊĊJU:

| | |
|---|---|
| President | Is-Sur Jesmond Aquilina |
| Sindku Zejtun | Is-Sinjura Joan Aguis |
| Sindku Marsa | Is-Sur Luke Farrugia |
| Sindku Marsaxlokk | Is-Sur Steven Grech |
| Sindku Santa Venera | Is-Sur Gianluca Falzon |
| Sindku Ħal Għaxaq | Is-Sur Karl Boxall |
| Kunsillier Ħal-Luqa | Is-Sur Keith Bartolo |
| Kunsillier Santa Luċija | Is-Sur Frederick Cutajar |
| Kunsillier B'Buġia | Is-Sinjura Josette Busuttil |
| Kunsillier Gudja | Is-Sur Andrew Dalli |
| Kunsillier Ħal Qormi | Is-Sinjura Elke Sghendo |

PREŻENTI B'MOD VIRTWALI:

Ħadt

ASSENTI B'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Sindku Marsaskala  Mario Calleja

ASSENTI

Sindku Christian Sammut

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Mariella Strout    Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Il-president is-Sur Jesmond Aquilina jippresjedi din il-laqgħa.

**45.1 Qari tal-ittri ta' Apoloġija;**

**45.1.1** Il-Kunsill Reġjonali rċieva ittra ta' apoloġija mingħand Sindku ta' Marsaskala għaliex kien msiefer

**45.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti;**

**45.2.1** Il-President ressaq il-Minuti ta' erbgħa u erbgħin (44) laqgħa tal-Kunsill Reġjonali għal din il-leġislatura, li ġew iċ-ċirkolati minn qabel tal-laqgħa. Il-minuti ġew ikkunsidrati bħala moqrija.

**45.2.2** Wara mozzjoni mressqa mil-President Jesmond Aquilina u s-sekondat Kunsilliera Elke Cassar Sghendo, il-membri tal-Kunsill Reġjonali approvaw b'mod unanimu il-minuti msemmija.

**45.2.3 Kunsiderazzjoni mill- Minuti**

**45.2.3.1** Il-President informa li kif spjega waqt il-laqgħa numru 45 l-Kunsill kellu rimborsa lura 34,000 ewro lil Lesa relatata ma l-iskema ta' ħlas għal uffiċjali waqt l-attivitajiet. Dawn il-fondi ġew mitluba lura għaliex ma kienux intużaw mill Kunsilli u NGOs. Huwa tenna li Reġjun huwa nfurmat li din l-skema ser tibda titħaddem li Kunsill ta' l-Arti għalhekk NGOs u il-Kunsilli jridu japplikaw dirett magħhom.

**45.2.3.2** Il-President qal li riċeviment ta' networking sar kif propost u kienet lejla pjaċevoli għal dawk li setgħu jattendu.

**45.2.3.3** Il-President informa li wara ġie konfermat li ma kienx hemm appelli saret l-ewwel laqgħa fuq il-post mal-kuntrattur li rebaħ li Tender tal-binja Amministrattiv. Waqt din il-laqgħa kien presenti il-Perit tal-Kunsill u il-Perit tal-kuntrattur. Huma daru il-binja kif inhi f'stat preżenti u il-partijiet qablu li xogħol jinbeda f'Settembru sakemm ma jkunx hemm xi dewmien mid-Dipartiment tal-Kuntratti biex issir il-kuntratt.

Il-President kompla jtenni li kien tkellem ma Seg. Parl. Hon Omar Farrugia fejn esprima il-possibbiltà li faċċata tal-binja San Rafael tiġi restawrata mill ħaddiema għax-xogħolijiet pubbliċi. Il-Kunsill ser jibgħat talba formali li dipartiment.

**45.2.3.4** Il-President irringrazzja li dawk il-Kunsilli li bagħatu il-fehma tagħhom dwar il-ħin tal-ġbir ta' l-iskart, iżda ġie nnotata li kien hemm Kunsilli li għadhom ma bagħtux l-opinjoni tagħhom. Huwa tenna attenda għal laqgħa fejn kien hemm preżenti Transport Malta, President ta' l-AKL u Direttur ta' DLG fost oħrajn. President kompla jgħid illi b'mod ġenerali

is-sistema ta' ġbir ta' skart bil-lejl ser tiġi attwata. Huwa ħeġġeġ li dawk il-Kunsilli li għadhom ma diskuttewx il-proposta sabiex jibgħatu mill-aktar fis.

Huwa ppreżenta format ta' kwestjonarju sabiex jimtela mill-Kunsilliera rigward l-opinjoni tagħhom fuq il-bdil fil-ħin tal-ġbir. Il-kwestjonarju ser jintbagħat mill-Uffiċjal Maniġerjali responsabbli mill maniġġjar ta' l-iskart.

**45.3 Komunikazzjoni mill-president**

**45.3.1 Credit note waste rejects 2023**

Il-President spjega li saru numru ta' verifiki ma DLG u anke intalbet sabiex issir laqgħa ma Direttur Ġenerali ta' NAO rigward ir-riżultat ta' l-Audit 2024. Qed jiġi propost li l-Kunsill Lokali jintbagħtilhom credit note kontra il-fattura li kienet ntbagħtet lil Kunsilli f'2024. Dan f' sfond li ma hemmx ftehim mal-Wasteserv dwar l-iskart kontaminat li qed jintefa fil-borza il-griża. L-awdituri qed jinsistu li din l-ispiża għanda titħallas mir-Reġjun.

Il-membri preżenti ħadu nota ta' din il-proposta u approva il-proċedura.

**45.3.2 Rendikont ta' ġbir ta' skart fil-borza sewda**

Il-President presenta tabella b'rendikont ta' tunnellaġġ relatat ma ġbir ta' skart fil-borza sewda bejn Jannar 2025 u Lulju 2025. Huwa tenna li skont data jidher li nġabar 14,000 tunellata innqas mis- sena ta' qabel. President kompla li jekk it-tunnellaġġ tal-borza sewda jkompli jonqos dan ser ikun ta' savings għar-Reġjun u għalhekk ikun iktar f'pożizzjoni li jgħin lil Kunsilli b'skemi u inizjattivi oħra. Huwa irringrazzja lil Kunsilli tal-ħidma u koperazzjoni sabiex titjieb is-sitwazzjoni u nforma li tabella b'informazzjoni kienet ser jintbagħtilhom mill-Maniġer

**45.3.4 EXPO Waste Managment f' Barcelona**

Il-President informa li AKL infurmat li kellha biljetti għal EXPO relatata mal-Waste Management f' Barcelona. Huwa ippropona li għal din l-EXPO jattendu il-Maniġer Konrad Micallef u Segretarju Ezekuttiv Mariella Strout.

Il-Kunsill qabel mal proposta u approva l-Ispiża

**45.3.5 Kungress -European Holy Week fl-Lisbona il-Portugal**

Il-President informa li Kunsilli irċieva stedina għal Kungress Annwali -European Holy Week 2025. Huwa qal li wara li konsulta ma Sindku ta' Zejtun qed jiġi propost illi jattendi Kunsillier Anthony Aquilina flimkien mal-President. Is-Sur Aquilina ħadem ħafna sabiex Zejtun ikun rappreżentat f' din l-għaqda u kien l-uniku kunsill li kien għamel preżentazzjoni dwar il-ġimgħa il-kbira.

Il-Kunsill qabel ma il- proposta u approva li Reġjun iħallas ta' dan il-vjaġġ u l-allowances relatati

**45.3.6 Kalendarju 2026**

Il-President informa li Reġjun huwa kommess li jgħallem lil residenti dwar l-immaniġġjar ta' l-iskart fl-istess ħin jagħdi nformazzjoni dwar il-lokalitajiet ta' Reġjun, għalhekk qed jiġi propost li issir kalendarju 2026 b' informazzjoni dwar l-iskeda ta' l-iskart. Ser jiġu stampati numru sostanzjali u jitqassmu lil-Kunsilli sabiex jitqassmu li residenti tagħhom.

In-nefqa għal dan il-kalendarju mhux ser taqbeż il 5,000 ewro min fondi ta' Reġjun. Jekk il-Kunsilli jkunu jixtiequ jistampaw iktar kopji Reġjun ser jaqsam l-artwork, iżda l-ispiża titħallas mill Kunsill Lokali.

Il-Kunsill qabel ma din il-proposta u approva l-ispiża ta' 5,000 ewro.

**45.4 Skeda ta' Pagamenti;**

45.4.1 Il-President ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti bin-numru ta' referenza 07/25A-1 li ġew iċ-ċirkolati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa.

45.4.2 Wara mozzjoni mressqa min proponent Sindku Joan Agius u sekondat Kunsillier Elke Cassar Sghendo, il-Kunsill Reġjonali approva unanimament il-ħlasijiet indikati fl-iskeda tal-pagamenti msemmija.

**45.5 Rapporti**

**45.5.1 Rapport Intervisti Uffiċjali Maniġerjali**

Il-President sidien li Segretarju Eżekuttiv sabiex tagħti rendikont ta' rapport ta' l-intervisti għal sabiex jaħdmu f'rwol ta' Uffiċjal Maniġerjali. Segretarju Eżekuttiv spjegat li seba' kandidati urew interess li fil-rwol ta' uffiċjali maniġerjali tal-Kultura, Proġetti u Fondi lokali u Ewropej iżda meta waslet il-ġurnata ta' l-intervisti 5 kandidati irtiraw. Persuna li attenda għal intervista kien fuq il-lista tal-JobsPlus u huwa stqarr li ma kienx konxju ta' jinvolvi rwol ta' uffiċjal maniġerjali ma Reġjun peress li Jobsplus ma kienetx nfurmatu. Għaldaqstant il-Bord ikkonkluda li ma kienx eliġibbli. Il-Bord kompla bl-intervista tal-kandidata għal rwol ta' Uffiċjal Maniġerjali tal-Kultura. Il-Bord evalwa l-applikazzjoni kif ukoll intervista lil applikanta. Ġie konkluż li kandidata kienet eliġibbli u waqt l-intervista uriet kapaċitajiet li tkun ta' sostenn bħala Uffiċjal Manigerjali responsabbli mill kultura f'ħdan ir-Reġjun Nofsinhar, għal kien qed jirrakkomanda lil membri tal-Kunsill Reġjonali sabiex j'approva l-ingaġġ ta' kandidata. L-intervisti ser saru f' 22 u f'30 ta' Lulju 2025.

Il-President stieden lil membri tal-Kunsill sabiex jagħtu l-fehma tagħhom. Il-Kunsill qabel ma rakkommandazzjoni b'mod unanimu

45.5.2 **Rapport finanzjarju Q2**

Il-president ressaq ir -rapport ta' tieni kwart tas-sena. Hu talab lil accountant Sur Kevin Incorvaja jagħti spjega tiegħu. Is-Sur Incorvaja qal li dan il kwart ta' sena kien qed juri surplus ta' 108,000 elf, dan kien dovut min diversi fatturi fosthom ħlas mil-PROs u refund tal-VAT mingħand DLG. F'dan ir-rapport kien qed jinkludi l-ispiża ta' waste rejects ta' 2023 fejn kif ġie spjegat iktar qabel se tintbagħat credit note lil Kunsilli kontra l-invoice li kienet nħarġet. Huwa ta' spjegazzjoni ta' kif ġie ikompulat id-dħul u il-ħruġ finanzjarju ta' Reġjun u fakkar li għalkemm l-ammont fil-kont tal-bank jidher sostanzjali, min dan l-ammont irrid jitnaqqas tipping fees li jridu jitħallsu lil Wasteserv.

Il-President irringrazzja lil Sur Incorvaja u għada għal mozzjoni sabiex jiġi approvat ir-rapport kif preżentat.

45.5.2.1 **Il-Kunsill approva u mozzjoni għaddiet.**

**Il-Membri preżenti approvaw ir-rapport finanzjarju b'mod unanimu.**

**45.6 Item: Data AGM 2025**

Il-President informa li kien qed jipproponi li Laqgħa Annwali ta' Reġjun issir nhar 24 ta' Ottubru f'Ġnien is-Serenita Santa Luċija. Huwa tenna li kif hija prassi ta' meta Reġjun jagħmel użu min ġnien jew post pubbliku ġewwa lokalita f'Reġjun,il-kunsill ta' lokalita jingħata 1,000 ewro bħala għajnuna lejn il-lokalita.

**45.6.1 Il-Kunsill approva din il-proposta**

**45.7 Item: Data Treasure Hunt -Proġett Kwiżż**

Il-President fakkar li bħala mill proġett kwiżż '*Exciting Minds and Bodies*' ser tiġi organizzat Kaċċa għat-Tezor ' *Treasure Hunt*' madwar il-lokalitajiet ta' Reġjun. Id-data proposta hija dik ta' Sibt 18 ta' Ottubru f'1.00pm sa 4.00pm. Ir-rebbieħ jew rebbieħa ser tingħata 'One for all voucher' li jiswa 250 ewro.

**45.7.1 Il-Kunsill qabel ma data proposta kif ukoll ma l-voucher li ser jingħata li rebbieħa**

**45.8 Affarijiet Oħra**

**45.8.1** Ma kienx hemm

**45.9 Tmiem tal-Laqgħa u Data tas-Seduta li Jmiss;**

**45.9.1** Il-laqgħa ntemmet fis-7.00 pm u ġiet aġġornata għal l-Erbgħa 10 ta' Settembru 2025

Konfermati llum 10 ta' Settembru 2025____________________

Jesmond Aquilina
President

Mariella Strout
Segretarju Eżekuttiv